MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-10 ta' April, 2010

Numru. 347/2010

Il-Pulizija
(Sp Trevor Micallef)
vs
Paul Camilleri, iben Paul, imwieled Attard fil-25 ta' Marzu, 1968, Karta ta' l-Identita numru 140668(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-10 ta' April, 2010 għal ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' fil-għodu (0545) f'dawn il-Gżejjer:
1. ikkometta attentat vjolenti għal pudur fuq il-persuna ta' Daniel Matthas;
2. offenda l-pudur jew il-morali, b'egħmil li jsir f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' April, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 207 209 tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena.  Illi l-imputat ammetta fl-ewwel udjenza ta' din il-kawża u għandu fedina penali netta. Għalhekk, ma tikkundannahx
għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Minbarra dan, tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitt euro (€100).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------